**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 110 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Annise Bejaoui**

Illum, 9 ta' Marzu 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Annise Bejaoui, detenur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 387889 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar l-20 ta' Mejju, 2018, ghall-habta tal-10:15 ta' filghaxija minn gewwa l-lukanda San Anton sitwata fi Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar;

Bil-hsieb li jikkometti d-delitt ta' serq aggravat wera dan bi hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghal esekuzzjoni mid-delitt, fejn tali delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu bi ksur ta' Artikolu 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u

Akkuzat ukoll talli fl-istess data lok u hin imsemmija qabel ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tiskorrix l-valur ta' 1,164.69 ewro izda tiskorri l-valur ta' 116.47 ewro ghad-dannu tal-kumpanija Cavendish Hotels Ltd, bi ksur tal-Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'talba li jigi revokat id-digriet tal-helsien mill-arrest u li l-imputat jigi arrestat mill-gdid b'talba li s-somma ta' ghaxart elef Ewro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkustanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest impost fuqu mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace LL.D. datat 21 ta' Mejju 2015.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Annise Bejaoui bhala recidiv, b'sentenzi li huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Lulju, 2020, fejn il-wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50, 263, 267, 270, 278, 289, 325 (1) (c) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat l-fedina penali tal-imputat u rat li minkejja diversi opportunitajiet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, l-imputat ghazel li ma jbiddilx id-direzzjoni ta' hajtu, il-Qorti:

(1) Irrevokat d-digriet tal-Helsien mill-Arrest tal-21 ta' Mejju 2015 u ordnat li l-imputat jigi arrestat mill-gdid u ordnat li s-somma ta' ghaxart' elef ewro (€10,000) garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u

(2) Ikkundannat lill-imputat ghall-piena komplessiva ta' tlett snin (3) u sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Annise Bajaoui minnu pprezentat fil-21 ta' Lulju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew *in subsidum*, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' tlett snin (3) u sitt (6) xhur prigunerija u minflok tinfliggi piena alternattiva ekwa u gusta jew piena alternattiva minn dik karcerarja.

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Settembru, 2020 fejn talab li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Drogi ai termini tal-artikolu 8 tal- kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-Avukat Generali kien irriserva li jipprovdi ir risposta tieghu wara li jinstemghu x-xhieda apposite f'dan ir-rigward.

Illi seduta stante nhar il-15 ta' Settembru 2020, l-appellant stqarr ghandu bzonn is-segwenti xhieda in sostern tat-talba tieghu ghall- konverzjoni fi Qorti ta' Droga u cioe lil rapprezentant tal Job Plus, il-Probabtion Officer Glenn Grixti, Kirstie Caruana, key worker fi hdan is-Sedqa, u l psikologa li tahdem gewwa il habs Jeanette Gauci.

Illi nhar it-13 ta' Ottubru 2020 il-Qorti ghaddiet biex tisma diversi xhieda.

**Joseph Saliba** xehed ghan nom u in rappresentanza ta' Job Plus. Huwa esebixxa l-Employment History tar-rikorrenti (Dok JS) li tindika li ir-rikorrenti QATT ma kien rgistrat ghax-xoghol, registration History li giet markata bhala dok JS1 u xi korrispondenza li ghaddiet mas sur- Attard li jahdem fi hdan il- Job Plus li giet markata bhala dok JS 2.

**Jeanette Gauci,** xehdet u spjegat illi hija ghandha l-professjoni ta' Psikologa u kienet qed isegwi lir-rikorrenti meta kien gewwa il-habs . Qalet li waqt li r-rikorrenti kien detenut il-habs ghamel diversi testijiet tal-awrina u dawn taw rizultat posittiv ghall-presenza ta' droga. Fost uhud tal-appuntamenti li saru kien hemm fid-29 ta' Ottubru 2007, 28 ta' Luju 2008, fl-1 ta' Lulju 2011, fl-1 ta' Marzu 2015, fis-7 ta' Frar 2016 u fit-2 ta' Lulju, 2016. Ikkonfemrat li hija it-terapista tar-rikorrenti. Qalet li r-rikorrenti ilu bil-problema ta' drogi ghal zmien twil. Izda ghandu problmei ohrabhal dik ta' rabja li ghandu bzonn jindirizza. Qalet li segwa hajja twila ta' abbuz ta' droga u beda bid droga Cannabis meakien ghad ghandu tlettax-il sena u imbaghad mexa fuq drogi aktar b'sahhithom.

**Kirstie Catania** xehdet u kkonfermat li hija l key worker tar-rikorrenti u li ilha issegwi lir rikorrenti minn NOvembru 2017 sa Gunju 2018. Qalet imbaghad r-rikorrnti ghamel

zmien il habs u talab sabeix tmur tghinu hemm u beix tibqa issegwih u filf-att ghadha ssegwih sa illum. Qal li ricentement l imgieba tieghu tbidlet ghal ahjar, l-attitudini tjibet ghal ahjar ghaleix jidher konsistenti f'dak li qed jghamel . Mistoqsi jekk haditlux xi urines tests tghid li le.

**Il-Probabtion Officer Glenn Grixti** xehed u qal li beda isegwi lir-rikorrenti f Mejju 2017 fu qordni ta' tlett snin li skadiet f Mejju 2020. Qal li segwih dejjem anke met akien l-habs. F da nil-perijdou jghid li kien hem biss sitt gimghat meta ma keinx il-habs. Waqt li kien il-habs problem ma kellheix mieghu izda meta hareg ma kienx qedizomm l appuntamenti tieghu maghha ulanqas ma zamm kuntatt mas Sedqa. Dwar urine tests tghid li ghandha informazzjonibiss dwar dawk mitluba minnu u jghid li kien hemm tnejn wiehed fis-27 ta' Frar 2019 u l iehro fit-3 ta' Settembru 2019 u t-tnjen taw rizulat negattiv ghall presenza ta' droga.

Il-Qorti fid-digriet taghha moghti nbharl-24 ta' Nvoembru 2020 kienet stqarret li ghalhekkjidher li r-rikorrenti li kellu 31 sena kien ilu bil-probelma ta' abbuz ta' droga ghal dawk l-ahhar 18-il sena u li kien biss ricentement li skond Kirstie Catania li r-rikorrenti kien beda juri xi interess biex ibiddel hajtu u jindirizza din il-problema tant akuta. Illi r-rikorrenti sa dak l-istadju ma kien ressaq l-ebda xhud biex jikkonferma jekk kienx clean mid-droga jew jekk applikax biex isegwi xi programm biex jindirizza din il-problema li ilha fuqu ghal dawn is-snin kollha.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost deher car li r-rikorrenti verament kellu problema ta' abbuz ta' droga li kient ilha fuqu ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena zgur u anke qabel ma gew kommessi ir-reati mertu ta' dan l-appell. Deher ukoll b'mod posittiv li ricentement l-appellant donnu intebah li ried jew ahjar xtaq ibiddel trieqtu u jzomm 'l boghod minn tali dependenza. Illi pero' din il-Qorti sa dak in-nhar ma kientix konvinta minn tali rieda tajba u ridet iktar zmien sabiex tali talba u cioe ghal konversjoni ghal Drug Court tigi valutata. Ma hasitx li setghete taghmel l-apprezzament dwar il-motivazzjoni tieghu stante li fil-fehma taghha deher li kien kmieni wisq.

Ghalhekk f'dawk ic-cirkostanzi li kienu anteecienti ghal dan id-digriet tal 24 ta' Novembru 2020 din il-Qorti sammet  dan l-appell haj billi tati kull opportunita' lill-appellant sabiex jghamel l-almu tieghu biex izomm 'l boghod mid-drogi. Hija dakinahr issolecitat lil Probation Officer Glen Grixti sabiex b'mod inaspettat jiehu kampjuni tal-awrina tar-rikorrenti u dan regolarment u ordnat li ghandu jidher quddiem din il-Qorti kull xahrejn sabiex jispjega il-progress tar-rikorrenti . Il-Qorti ikkonkkludiet li una volta jigi  registrat progress din il-Qorti isetghet imbaghad  tasal biex tiddekreta ir-rikors promotur  fit-terminu tal-Kapitolu 537 u ghalhekk rriservat li tipprovdi dwar u fi stadju ulterjuri. Hija ghalhekk iddiferiet l-kawza bil-ghan li jigi registrat il-progress tar-rikorrent  u ghalhekk ordnat li ghal kull seduta li kellha tinzamm minn dak in-nahr tad-digireti 'l quddiem kellu jigi imharrek  l-Probation Offier li kellu  jgib mieghu l-file  tal-kaz up-to-date.

Ikkunsidrat,

Rat li fit-8 ta' Dicembru 2020 l-Qorti giet infurmata li l-Ufficjal tal Probabtion li kellu jahdem fuq ir-rikorrenti kien Glenn Grixti .

Nhar is-16 ta' Frar 2021 l-**Ufficcjal tal-Probabtion Glenn Grixti** xehed u spjega li kien qed izomm kuntatt regolari mar-rikorrenti bit-telefon waqt li kein qieghed residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin taht arrest preeventiv u kkonferm ali kien qed igib ruhu tajjeb gewwa il-facilita Korrettiva ta' Kordin. Huwa pprezenta dokument li gier markat bhala dok GG1 li jindika it-testijeit al awrina li gew mehuda lir-rikorrenti waqt li kien qiegehd gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Jirrizulta min esami ta' l-istess li in effetti l-ahahr tst posittiv ghad droga kien fit-2 ta' Lulju 2016. Wara dok id-ata ittihdulu diversi testijeit ohra kif hemm idniakti u kollha taw rizultat negattiv ghal presenza ta' droga.

Xehdet ukoll **Christie Catania** u stqarret li kient qed izomm kuntatt mar-rikorrenti gewwwa l-habs permezz ta' Skype calls u kkonfemrat li kein qed isomm kunttt regolari maghha.

Fit-23 ta' Frar 2021 xehed **Helenio Galea** in rapprsentanza tad Direttur tal Facilita Korrettiva ta' kOrdin. Qal li minhabba lpandemija tal COVID wara is-17 ta' Dicembru2020 ma hadux aktar testijeit bei xjigi verifikat l-awrina tal-habs ghal presenza ta' droga. . Ghalkemm ikkonferma li jekk jignaht aordni biex jara li jittihed tst tar-rikorrenti dan jara li isir.

Illi nahr it-2 ta' Marzu 2021 **Helenio Galea** rega xehed u kkonferma li ittihdu zewg samples tal awrina tar-rikorrenti wiehed minnhom nhar it-23 ta' Frar 2021 u iehor fl-1 ta' Mrzu 2021 u kkonferma li it-tnejnli huma kienu negattiv ghal presenza ta' droga. Fuq domanda tal-Qorti kkonfemra li ir-rikorrenti kien ilu l-habs taht arrest preventiv sa mit-23 ta' Ottubru 2020. Rapporti dwar misbehaviouril-habs ma jidhirlu li ghandu dwar ir-rikorrenti.Huwa poporzenta case data report tar-rikorrenti li gie markat bhal dok HG.

Semghet lill-partijiet jittratttaw mill-gdid ir-rikors tar-rikorenti datat 14 ta' Settembru 2020.

Ikkunisdrat.

Illi l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi essenzjalment hames rekwiziti ghalhiex persuna li tkun mixlija b'reat tista' tkun elegibbli sabiex tigi ipprocessata minn Qorti dwar id-Droga.

1. Il-persuna akkuzata trid tkun mixlija b'reat kontra l-ligijiet dwar id-droga.

2. l-ammont ta' droga mertu tal-kaz ma jkunx jeccedi dak indikat fil-linja gwida li tinsab fir-Raba Skeda ghal Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ir-reat huwa attribwibbli sostanzjalment ghad-dipendenza tal-persuna akkuzata fuq id-droga u allura irid jigi stabbilit illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet tezisti din id-dipendenza.

4. jekk ir-reat ikun wiehed taht xi ligi ohra u mhux dik dwar id-droga, dan ma jkunx wiehed fejn il-piena teccedi is-seba' snin prigunerija u ma ikunx reat volontarju kontra l-persuna jew inkella li r-reat ma jkunx gie imwettaq bl-uzu ta' armi regolari jew splussiv, u

5. Irid jigi ippruvat illi jezistu ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx tigi rijabilitata mid-dipendenza taghha fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali biex tinheles minn din id-dipendenza.

Illi l-Qorti dejjem ghamlet minm kollox sabiex tghin min vera ried jindirizza il-problema ta' droga  u dan ghaliex tifhem li mhiex haga facli pero trid tkun konvinta li hemm ir-rieda tajba. Jidher li r-rikorrenti jixtieq jinghata ic-chance li jindirizza din il-problema bis-serjeta tant li ghamel din il-prezenti talba sabiex  din il-Qorti tikkonverti ruhha fi drug court .

Illi jidher li f'dawn l-ahhar zminijiet  r-rikorrenti zamm il-boghod mit-tehid tad-droga ghalkemm huwa veru li kien jinsab fi konfini maghluqa.Din il-Qorti ghalhekk hija propesna li taghti l-opportunita lir-rikorretni sabeix jidher quddiem il-Bord bil-ghan l itinkoraggixxi lill-istess rikorenti jibqa' fit-triq it-tajba. Izda  kollox jiddependi kif ser iggib ruhhu barra mill-konfini tal-habs una volta il-Qorti tigi biex tilqa' it-talba tieghu sabiex jinghata il-liberta provisorja

Ikkunsidrat.

Illi sabiex din il-Qorti tilqa it-talba ghal konversjoni fi qorti ta' Droga  trid l-ewwel tara li l-akkuzi li bihom giet akkuzata l-imputata jaqghu fil-parametri ta' l-istess Artikolu 8 (2) u cioe' li l-imputata giet akkuzat b':-

(a) reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li biha l-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkużat; Jidher li l-akkuzi li gie akkzuat bihom ir-rikorrenti sehhew  fi zmien 2018 meta skond dak msitqarr ir-rikorrenti kein qed jabbuza mid-droga.

(b) reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li biha l-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv (li mhux il-kaz);
(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga (li skond ix-xhieda ta' Kirsty Catania u l-Probation Officer Glenn Grixti u Helenio Galea jidher li dan hu l-kaz klassiku fejn in effetiti jirrizulta li samm 'l boghod mit-tehid ta' droga u gab ruhu tajjeb fil-konfini tal-habs).

Illi mis-seuspost jidher li r-reati li bihom gie akkuzat ir-rikorrenti ghandhom piena li ma jeccedux is-sebgha snin prigunerija u mhumeix reati kommessi kontra l-persuna u hemm cirkostanzi oggettivi li jindikaw li r-rikorrenti verament jixtieq ibiddel hajtu u jibda it triq it-tajba wara hajja twila ta' kriminalita skond il-fedina penali tieghu.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu w semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk qeda tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (c) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 qeda tirreferi lill-persuna appellata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6 ta' l-istess kapitolu 537 tal-ligijeit ta' Malta .

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur